MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 321/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Cassar)**
**Vs**

**Martin Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 t'Awissu, 2005 u fil-gimghat ta' qabel, gewwa Triq Santa Barbara Rabat, Malta, opera forn jew fuklar li mic-cumnija tieghu hareg duhhan u gmied fit-triq jew f'dar vicina, b'hekk holoq dwejjaq u inkonvenjent lill-girien.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2005, li biha wara li rat l-Artikolu 128(b) tal-Kap. 10, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda w ordnat li l-imputat jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji biex ic-cumnija in kwistjoni tkun tista' topera b'mod regolari fi zmien hmistax (15) il-jum, taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kuljum, fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qalu li raw lill-appellant** personalment **jopera il-forn ossija l-fuglar, izda qalu li jafu li jiggestixxi din il-pastizzerija. 2. Li la saret il-prova li giet imwettqa l-infrazzjoni tal-ligi fid-data indikata fic-citazzjoni w lanqas li l-infrazzjoni tal-ligi illi gie mixli biha l-appellant twettqet minnu personalment. Biex l-appellant seta' jinstab hati l-Prosekuzzjoni kellha tipprova (a) illi fit-12 t' Awwissu, 2005 u fil-granet ta' qabel l-appellant haddem il-forn illi c-cumnija tieghu armiet duhhan jew nugrufun li holoq inkonvenjent lill-girien** hu personalment **u mhux impjegati tieghu w (b) li f' dik id-data w l-granet ta' qabel, l-appellant kien il-licenzatarju (Sic!) tal-forn (fis-sens ta' forn ta' l-pastizzi ossija pastizzerija jew forn tal-hobz ossija bakery) illi minn go fih thaddem forn fis-sens ta'** ***"oven".*** **Dan ma sarx. Inoltre l-prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-kontravvenzjoni li biha gie mixli l-appellant twettqet <u>kemm</u> fit-12 t' Awwissu, 2005 <u>kif ukoll</u> fil-gimghat ta' qabel. Illi inoltre minn barra l-forn, ossija l-pastizzerija, gestita mill-appellant, hemm ukoll fran ohra fl-agwati tar-residenza tal-persuni li lmentaw mill-inkonvenjent u ma saritx il-prova jekk l-inkonvenjent kienx qed jigi kawzat mill-forn tal-**

**appellant jew minn fran ohra. Illi minkejja li hemm nies li jghixu aktar qrib il-forn tal-appellant, ma jirrizultax li dawn xi darba lmentaw minn dan l-inkonvenjent.**

**Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2006;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti bil-mod kif gej:-**

PS 156 Frans Abela **xehed li fit-12 t' Awwissu, 2005, kienet marret Maria Carmela Buhagiar taghmel rapport li kienet qeghdha ssib hafna gmied li qalet li kien gej minn forn li hemm ezatt wara d-dar taghha. Hu mar fir-residenza taghha li qeghda fi Sqaq numru wiehed, Triq SantaBarbara , Rabat u qabel ma dahal Buhagiar urietu l-car ta' zewgha li kien fiha ghabra sewda . Urietu wkoll il-btiehi li ghandha w urietu ukoll investa li kienet imcappsa bl-iswed, pero' qalet li dik l-investa kienet zammitha minn xi drabi ta' qabel biex turiha bhala evidenza li l-gmied qed jidhollha god-dar. Imbaghad hu kellem lil sid il-forn, l-appellant l-ghada jew il-pitghada. Dan kien qallu li ghandu kollox kif titlob il-ligi biex ihaddem il-forn b' injam li hu jaf li hu nadif. Qal ukoll li hemmhekk hemm fran ohra li joperaw u li hu l-forn darba kulljum biss iqabbdu ghax dan forn li jahmi l-pastizzi w mhux li jahmi l-hobz.**

In kontro-ezami, x-xhud qal li jaf li f' dal-forn hemm impjegati jahdmu w jaf li l-appellant ghandu hanut tal-pastizzi maghruf bhala "Tas-Serkin", ir-Rabat u li l-appellant hafna drabi jkun f' dak il-hanut. Hu dak in-nhar ma marx jivverifika fil-forn ghax kien maghluq u kien sar il-hin biex jispicca mill-*"watch"* tieghu. It-triq fejn hemm il-

forn hija mimlija residenzi ohra. Qatt ma kellu rapport minnghand haddiehor. Hu ghabra rqieqa, bhal mugrufun, haga sewdenija, kien ra, meta mar ghand Buhagiar. Vicin hemm forn iehor li jigi aktar fil-gholi bhala livell, pero' id-distanza hija iktar ghal dan it-tieni forn. Hemm forn iehor f' St. Martin Street. Ic-cumnija tal-appellant kienet tidher fuq ir-rih tad-dar ta' Buhagiar u tigi xi 14 il-metru boghod minn fejn kien hu fil-bitha jew ftit aktar u kienet tidher aktrar fil-gholi ta' xi zewg sulari w nofs. Minn fejn kien hu ma seta' jara ebda cumnija ohra.

WPS 41 Anna Marie Micallef **xehdet li dwar dal-kaz ma taf xejn. Taf biss dwar rapport li sar minn Buhagiar fit-8 ta' Settembru, 2005, li dwaru kien hemm kawza ohra.**

Maria Buhagiar **xehdet li hi toqghod Mirabelle House, St. Barbara Street, Rabat , ezatt wara forn u x' hin qamet, fit-12 t' Awwissu, 2005, sabet id-dar taghha kollha mimlija gmied. Dis-sitwazzjoni tal-gmied ghadha ghaddejja sa meta kienet qed tixhed fid-19 ta' Jannar, 2006. Dal-gmied jigi mic-cumnija tal-forn li jhaddem l-appellant u ratu b' ghajnejha gej ghal fuq il-proprjeta' taghhom. Tarah hiereg mic-cumnija w, tul is-sajf, f' xis-1 am., meta jkunu ghadhom imqajjmin u jkunu dehlin minn barra, mhux l-ewwel darba li johorgu fil-bitha biex jifthu l-bieb u c-cumnija tibda' ttella' l-ewwel mugrufun qawwi iswed u jaghmel hekk xi ghoxrin minuta. Imbaghad ma jibqax iswed u jigi qiesu abjad. Il-gmied jigi qiesu bococ, bococ. Dan jigri meta r-rih ikun mix-xlokk ghax bil-majjistrall ma jigix fuqha l-gmied. La jistghu jonxru hwejjeg u ma jistghu jaghmlu xejn ghax x' hin thalli l-hwejjeg barra, tqum filghodu w issib il-hwejjeg kollha mugrufun u dawn rawhom ukoll il-Pulizija meta marru d-dar taghha. L-appellant iqabbad il-forn mal-lejl qiesu ghal-habta tal-12.30 am. Huma mhux il-mugrufun biss ghandhom iddejjaqhom imma hemm ukoll ir-riha qawwija li tidhol go darhom, tant li mhux l-ewwel darba li binha jmur jara jekk ikunx qabadlu l-"*computer*". Mis-Sibt ghal Hadd iqabbdu xi hames darbiet anki fil-11 am. Igifieri mhux biss bil-lejl ikollhom il-fjamma sewda taghti fuqhom. Kull meta jistartjah il-problema. Minn dal-**

**form hu jahmi w anki jbiegh ix-xoghol. Hi ma tafx meta marret l-ahhar darba f' dan il-forn imma meta marret tkellem lill-appellant, dan kien qalilha** ***"Mur ghamel dak li ghandek taghmel ghax jien ma nista' naghmel xejn iktar."***

**Ix-xhud ziedet tghid in kontroezami li taf li hemm l-appellant ghandu impjegati. Darba f' Ottubru, kienet maret il-form bil-pigama u b'** ***migraine headache*** **fis-2 am., wara li ma setghetx tissaportih gimgha shiha, rih xlokk fuqha w riha tinten. Tat daqqa ta' sieq fuq il-bieb u kien fethilha l-impjegat u staqsieha x' kellha bzonn. Hi qaltlu : "*****Taf f' liema sura qeghdin iggibuni? Jien Ghandi dritt norqod mal-lejl? Arani."*** **L-impjegat qalilha li l-appellant dak il-hin ma kienx hemm u li kien qieghed il-hanut li jbiegh il-pastizzi, li ghandu hdejn ir-Roman Villa w taha in-numru tat-telefon tieghu. Hi allura cemplet lill-appellant fis-2 am. u ghamlet appuntament mieghu ghal dak in-nhar fil-11 am. Meta qalet lill-appelant kif kienet is-sitwazzjoni taghha, qalilha li issa jara, jipprova jnaddaf u jaghmel. Minn dak in-nhar 'l hawn marret ghand l-appelant xi sitt darbiet jew sebgha w fl-ahhar qalilha biex tmur taghmel dak li kellha taghmel u baghtha l-Qorti. Fit-12 t' awwissu, 2005, pero' ma kienetx marret fil-forn.**

Carmelo Buhagiar **xehed li x' hin qam filghodu fit-12 t' Awwissu, 2005, kien sab is-saqaf isfar tal-karozza tieghu incanat bil-gmied u meta hu mar fis-setah li ghandu fuq wara tad-dar eqreb lejn il-forn, dan ukoll kien mimli gmied u ghalhekk mar l-ghassa jaghmel rapport. Dan gej mill-forn li hemm warajha xi tletin metru boghod ghax xi tlitt plots hemm bejnithom. Dan gara diversi drabi kif ikun ir-rih xlokk. Dak inhar wara li ghamel ir-rapport, kien mar fil-forn u hemm kien hemm l-appellant u Surgent iehor mhux li mexxa dan il-kaz. Jaf li l-appellant ghandu hanut tal-pastizzi ir-Rabat maghruf bhala "Tas-Serkin" li jiftah erba' w ghoxrin siegha w li l-appellant iqatta' hafna hin hemmhekk. Jaf ukoll lil-appellant ihaddem nies mieghu.**

Martin Caruana **xehed li meta jkun rih isefel ibaghtu bil-mugrufun tal-forn is-sena kollha. Hu joqghod St. Joseph Alley 1, St. Barbara Street, Rabat. Meta jkun xlokk ma tista' thalli imkien miftuh u jekk trid tonxor naqra hwejjeg fuq il-bjut ma tistax, ghax jidhol il-mugrufun mic-cumnija. Dan idejjqu ghax ihammiglu. Jaqbel li dan forn tal-pastizzi w li dawn jinhmew hemm u jimbieghu minn hemm ukoll. Hu rarissimu jmur hdejn dan il-forn ghax hu ma jiekolx pastizzi. Fit-12 t' Awwissu, 2005, ma jiftakarx li ra lill-appellant ihaddem il-forn. Jaf li l-appellant ghandu hanut tat-te' "Tas-Serkin". Lill-appellant qatt ma kellmu.**

Joseph Muscat **xehed li joqghod 51, Emmanuele Vitale Street, Rabat. Hu dejjem mimli bil-mugrufun meta jkun bir-rih fuq, ghax lilu bir-rih fuq jolqtu. Dan il-mugrufun jigi mic-cumnija tal-appellant. Ikun griz u iswed. Fit-12 t Awwissu 2005 hu sofra dan l-inkonvenjent.**

L-appellant **ma xehedx la quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas quddiem dil-Qorti.**

**Ikkonsidrat.;**

**Illi minn dawn il-provi mhux kontestati minn provi ohra, din il-Qorti tara li bhala fatt jirrizulta minghajr l-icken dubju dettat mir-raguni mhux biss li fl-ahhar xhur qabel it-12 t' Awwissu, 2005, - kif qalet l-Ewwel Qorti – imma anki proprju f' dik id-data kien hemm l-inkonvenjent tal-mugrufun li laqat zgur lill-konjugi Buhagiar tant li rraportaw lill-Pulizija dak in-nhar stess u PS Frans Abela, meta mar fuq il-post, ikkonstata li anki dak in-nhar kien hemm tracci ta' mugrufun fuq il-car ta' Buhagiar u fuq it-terazzina jew bitha interna. Kemm il-konjugi Buhagiar kif ukoll ix-xhieda Caruana w Muscat ikkorroboraw lil-konjugi Buhagiar li c-cumnija tal-forn tal-appellant iddahhan regolarment u huma jigu effettwati skond minn fejn ikun qed jonfoh ir-rih in relazzjoni mall-pozizzjoni tad-djar taghhom rispettivi viz-a-viz il-forn tal-appellant.**

Li dan il-forn hu proprjeta’ w gestit mill-appellant jirrizulta ukoll abbondantement mhux biss mid-depozizzjoni tax-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni, imma anki mid-dikjarazzjonijiet li ghamel mall-istess PS Abela w ma Maria Buhagiar meta dawn kellmuh f’ okkazzjonijiet differenti. F’ dawn id-dikjarazzjonijiet , l-appellant mhux talli ma cahadx li l-forn hu tieghu, kif del resto jaf ir-Rabat kollu, izda mas-Surgent insista li ghandu kollox in regola w ma Maria Buhagiar, l-ewwel qal li ser jara x’ ser jaghmel biex inaddaf jew jirranga, mbaghad, wara xi zmien, qalilha li ma jista’ jaghmel xejn u sfidha biex, jekk trid, ittellghu il-Qorti.

**Li l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 128 (b) tal-Kap.10 tirrigwarda l-offiza ta’ min *“juza…. forn, fuglar jew forga, b’ mod li jkunu jdejjqu jew ta’ inkonvenjent lill-girien*.” u ma tirriferix necessarjament ghall-fondi kummercjali fejn dak li jkun hu l-persuna licenzjata. Tapplika ugwalment ghall-fondi ta’ kull xorta, residenzjali, kummercjali, pubblici eccetera. Ghalhekk f’ dan il-kaz ma kienx hemm bzonn li ssir xi prova tal-licenzja tal-post favur l-appellant u l-prova li saret li hemm proprjeta’ tieghu w jaqa’ taht il-kontroll tieghu bl-ammissjoni tieghu kif fuq intqal, hija altru minn bizzejjed.**

**Li ghar-rigward tal-aggravju li ma saritx il-prova li kien l-appellant personalment li qabbad il-forn jew fuglar- fejn bhala fatt l-appellant jidher li ghandu ragun - jintqal li, anki jekk fil-hin meta jitqabbad il-forn jew fuglar l-appellant ma jkunx hu personalment prezenti dejjem jew il-hin kollu, dan xorta ma jezimiehx mir-responsabbilta’ ta’ natura kontravenzjonali li tkun saret minn impjegati tieghu w li hu jkun ordna, gieghel, xjentement ghin jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt ikun gie pprerparat jew ikkunsmat jew ikun ippermetta din l-operazzjoni tal-form jew fuglar fil-proprjeta’ tieghu, tramite l-agenti, dipendenti, impjegati jew membri tal-familja tieghu, meta, ghad li kien jaf bl-att li qed isir u ghad li seta’ jimpedieh, hallieh isir u dana skond ir-regoli tal-komplicita’ kontenuti fl-artikoli 42 (a)(b) ( c ) u (d) u 45 tal-Kodici**

**Kriminali, rezi applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet bl-artikolu 48 tal-istess Kodici, kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta (per.V. De Gaetano J.) fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Alexander Pisani" **[5.3.1997]**

**Ghalhekk l-appellant bhala komplici ikun irid jirrispondi ghall-inkonvenjent personalment anki jekk ma jkunx xeghel jew qabbad il-forn jew fuglar hu stess imma dan ikun tqabbad, kif zgur tqabbad, fuq ordni tieghu, bi *fuel* fornit minnu w fi proprjeta' tieghu, minkejja li kien jaf – kif irrizulta li kien jaf – li dan kien qed johloq inkonvenjent serju w rikorrenti lil girien tieghu. U peress li skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, l-komplici jehel il-piena stabilita ghall-awtur, ma hemmx lok ghal temperament jew varjazzjoni tal-piena.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirrevokaha fejn iddikjarat lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w minnflok issib lill-appellant hati li fit-12 t ' Awwissu, 2005, u fil-gimghat ta' qabel, gewwa Triq Santa Barbara, Rabat, Malta, kien komplici ma persuna jew persuni ohra li opera jew operaw forn jew fuglar, li mic-cumnija tieghu hareg duhhan u gmied fit-triq jew f' dar vicina, u b' hekk holoq dwejjaq u inkonvenjent ghall-girien u tikkonfermaha fil-kumplament, b'dana li t-terminu ta' hmistax il-jum biex l-appellant jaghmel ix-xogholijiet necessarji biex ic-cumnija in kwistjoni tkun tista' topera b'mod regolari taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kulljum fin-nuqqas, jibda ghaddej mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------